MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 403/2008

**Strand Palace Agencies Ltd (C 3838)**

**Vs**

**Mark Grech (ID no 520565M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallas lill-istess socjeta' rikorrenti s-somma ta' €3612.84 (tlett elef, sitt mija u tnax il-euro u erbgha u tmenin centezmu) rapprezentanti ammont bilancjali lilha dovut ghall-merkanzija lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Lulju 2008, tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 166 A datata 13 ta' Awissu 2008 u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Awissu 2002, data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament, kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 8 ibid) u li biha bil-qima qal:

1. Illi fl-ewwel lok, jekk is-somma mitluba mis-socjeta'attrici hija ghal hlas ta' merkanzija allegatament mibjugha bl-imnut, l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kull kaz iehor l-azjzonihija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
3. Salvi risposta ohra.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' risposta ghal ittra ufficjali liema ittra ufficjali kienet giet prezentata fit-13 t'Awissu 2008, kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta' attrici u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut a fol 78 ibid.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza ser tiddeciedi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sottomessa mill-konvenut u li tirreferi ghall-artikolu 2148(b) u subordinatament l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi f'dan ir-rigward xehed Alan Vella (fol 11 et seq ibid) bhala kontrollur finanzjarju tas-socjeta' rikorrenti u dan spjega illi l-istess socjeta kienet tbiegh lill-konvenut taht l-isem ta' 'Pasta Provita Cateres' …. 'xoghol fuq bazi ta' wholesale konsistenti f'materja prima. L-istess merkanzija li kienet giet konsenjata f'diversi dati, kienet tintuza mill-konvenut ghall-iskop ta' 'catering' bl-ahhar konsenja tkun saret fit-30 ta' Awissu 2002. Wara din id-data, l-konvenut kien ghamel pagamenti akkont bl-ahhar wiehed jigi

effettwat fit-31 ta' Jannar 2007. Difatti ix-xhud esebixxa 'statement' (fol 13 u fol 14 tal-atti) u fih hemm specifikati l-fatturi u l-pagamenti akkont li saru, bid-dati inkluzi. In kontro ezami ix-xhud kompla jispjega illi meta kien jsir pagament akkont '… ma kienx qed jinqata' 'invoice' shih specifiku' izda jekk klijent jaghmel pagament specifikat ghas-saldu ta' fattur partikolari, dik il-fattura tinqata l-barra. Illi, da parti tieghu, l-konvenut (fol 18 u fol 19 ibid) specifika li l-prodott mixtri minnu kien 'cake mix' '… sabiex jinhadem' u sussegwentement jbiegh il-prodott finali. Hu kompla jghid illi l-ahhar konsenja kienet saret fl-2002 waqt li l-ahhar pagament li kien ghamel kien sar fil-31 ta' Jannar 2007 (ara fol 20 ibid) u dan ghall-ammont ta' Lm47.40 u 'in payment of '102461' skond il-konvenut l-ahhar numru jirreferi ghal fattura specifikata u partikolari. Inoltre hu qatt ma kien jaghmel pagamenti akkont. '…imam dejjem kont inhallas ghax-xirja partikolari li tkun saret qabel immedjatament. Dwar il-materja prima, hu qal li ma kienx jaf x'differenza hemm bejn bejgh bl-imnut u bl-ingrossa. Inoltre l-istess materja ma kienetx tinbiegh mill-hwienet. Fl-ahhar nett hu qal ukoll li 'Ma kontx forsi nhallas kollox imma jien qatt ma ghidtilhom lis-'salesman' ma nhallasx issa izda darb'ohra'. Difatti, skond hu, l-ammont mitlub kien imhallas.

Ikkunsidrat

Illi, wara li xehed il-konvenut, is-socjeta' rikorrenti pproduciet lil David Farrugia, il-kontrollur finanzjarju gdid taghha (fol 23 u fol 74 et seq ibid) u dan oltre li rega' esebixxa 'statement' annetta, ukoll, sebgha u ghoxrin (27) fattura u numru ta' rcevuti dwar il-pagamenti li saru (fol 27 u fol 60 et seq ibid rispettivament). Dwar il-fattura numru 102461, l-ircevuti esebiti huma kwazi kollha pagamenti akont tal-din il-fattura, mill-imsemmi statement wiehed jista' jara serje ta' fatturi pagamenti akkont bejn il-21 ta' Dicembru 2000 sal-31 ta' Jannar 2007.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni in esami, il-preskrizzjoni a basi tal-ewwel artikolu citat, l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili,

tittratta dwar bejgh bl-imnut. Dwar dan tenut kont li l-konvenut kien ordna u akkwista prodott partikolari matul perjodu pjuttost twil ta' zmien u dan sabiex l-istess prodott jigi manifatturat ulterjorment u jinbiegh bhala prodott finali maghmul mill-konvenut, dan il-kaz certament ma jistax jigi konsiderat bhala bejgh bl-imnut ('by retail' izda kaz car ta' wiehed bl-ingrossa fi kwantitajiet li, jekk maghduda flimkien, huma pjuttost konsiderevoli. Ghalhekk dan l-artikolu ma hux applikabbli.

Ikkunsidrat

Dwar it-tieni artikolu, kif jidher mill-premess, hu applikabbli jew konsiderati l-artikolu 2134 tal-istess Kodici kif ukoll id-dati tal-pagamenti li saru akkont, mill-konvenut u l-atti gudizjarji li saru in konnessjoni mal-istess kaz.

Illi l-artikolu 2134 jispecifika illi il-preskrizzjoni hi interrotta jekk id-debitur jaghmel pagament akkont, kif gie pruvat li kien qed isir f'dan il-kaz bl-ahhar wiehed jsir fil-31 ta' Jannar 2007. Sussegwentment kienet giet presentata ittra ufficjali fit-13 ta' Awissu 2008 u din a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dan jidher evidenti illi terminu ta' hames (5) snin bhala preskrizzjoni tal-azzjoni ma kienx iddekorra.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u Tordna li dan il-kaz jissokta fuq il-mertu u wara li tigi konsiderata t-tieni (2) eccezzjoni.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------